SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

## Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill Lokali San Giljan

## Laqgħa Nru. 23/K8/16

Data: 03 ta' Novembru 2016

Ħin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti:
Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Albert Bonello Ghio – Ċermen – Paceville
Michael La Rosa – Membru
Joe Oliva – Membru
Maria Dolores Falzon – Membru
Richard Scicluna – Membru
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Skużati: (0)

Assenti: (0)

Preżenta tal-Pubbliku - (1)

## AĠENDA

1. Mozzjoni – Master Plan ta' Paceville.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Mozzjoni – Master Plan ta' Paceville**

1.01 Iċ-Ċermen spjega kif illum il-Kunsill iltaqa' sabiex tittieħed deċiżjoni dwar xi punti li kienu qed jitqajjmu dwar il-Master Plan ta' Paceville. Din il-mozzjoni hija annessa mal-Minuti (Ara appendiċi 'A')

1.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana flimkien mal-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u l-Kunsillier John Agius ressqu ittra ta' risposta għall-mozzjoni. F'dan l-istadu iċ-Ċermen talab jekk din hijiex kontra-mozzjoni jew le. It-tlett proponimenti ta' l-ittra qalu li din kienet risposta u biex tkun parti integrali tal-Minuti.

1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni liċ-Ċermen li normalment dawn ma jkunux parti ntegrali mill-Minuti iżda jiġu annessi. Fuq insistenza tal-proponenti li din tkun parti integrali, iċ-Ċermen talab li jittieħed vot sabiex ma jintlaħaqx preċedent fejn kulħadd jibda jġib bil-miktub il-kummenti tiegħu u jsiru parti integrali mill-minuti meta dawn suppost ikunu konċiżi.

1.04 Fuq proposta ta' l-Kunsillier John Agius u sekondant ta' l-Kunsillier Martin John Sultana sabiex din l-ittra tidħol bħala parti mill-minuti. Il-votazzjoni sabiex dawn jiġu parti ntegrali mill-Minuti m'għaddietx minħabba li tlieta kienu favur u sitta kienu kontra.

1.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana, l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u l-Kunsillier John Agius telqu l-barra u s-Sur Joe Oliva u s-Sinjura Maria Dolores Falzon membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Paceville ħarġu wkoll mil-laqgħa.

1.06 Tkompliet wkoll id-diskussjoni fejn fiha ntalab li l-membri preżenti mill-Kumitat Amministrattiv ta' Paceville jkunu jistgħu jintervjenu permezz ta' sospenzjoni tal-laqgħa. Dan ma kienx hemm bżonn minħabba li ħadd ma ried jitkellem.

1.07 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qajment il-punt fir-rigward il-propjeta' ġewwa Paceville, hija spjegat kif ġiet avviċinata minn residenta fejn spjegat magħha li hi diġa ġiet avviċinata mill-Gvern Ċentrali fir-rigward il-propjeta' tagħha.

1.08 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg qajjem il-punt fir-rigward:

- Li huwa spjega li għalkemm tkellem bħala Viċi Sindku fil-laqgħa li saret huwa kien qiegħed ukoll jitkellem bħala resident fejn spjega li l-intenzjoni ta' dan il-*Master Plan* huwa tajjeb iżda m'huwiex sodisfaċċenti.
- Li huwa spjega li r-residenti ma' ngħatawx importanza minħabba li r-residenti qatt ma saritilhom laqgħa.
- Li l-Bajja ta' San Ġorġ kif inhi proposta fil-Master Plan ser tiġi mdallma.
- Li Paceville għandu bżonn ta' *embalishment,* osservazzjoni, community service fosthom Għassa tal-Pulizija u *clinical service.*
- Li f'dan il-*Master Plan* hemm affarijiet tajbin ukoll fosthom il-passaġġi li ser isiru mal-bajja u l-bicycle lanes.

1.09 Id-diskussjoni tkompliet fejn tkellmu diversi kunsilliera oħra u kien hemm qbil unanimu (min-nies preżenti) fuq il-mozzjoni kif ippreżentata.

1.10 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru 2016 fl-4.00p.m.

1.11 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: **17 ta' Novembru 2016**